MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 401/2004/1

**Gasan Mamo Insurance Limited (C 3143), kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha BDS Limited skond il-ligi u skond il-polza ta’ assikurazzjoni u l-istess B.D.S. Limited (C 5521) Claim A035143 Msida Road, Gzira**

**-vs-**

**Allfreight Limited (C3690) u b’digriet tat-3 t’Awwissu 2004 giet kjamata in kawza Palm Shipping Agency Limited**

**Il-Qorti :**

Rat ic-citazzjoni mressqa, mis-socjetajiet atturi fl-1 ta’Gunju 2004, li taqra hekk:

*“Peress illi s-socjeta’ B.D.S. Limited xtrat konsenja ta’ 24 NEC Mobile Pro 900 laptops u inkarigat lis-socjeta’*

*konvenuta sabiex tittrasporta din il-merkanzija minghand s-suppliers fl-Amerika u iggibhomlu Malta.*

*Peress illi effettivament s-suppliers ikkonsenjaw il-merkanzija skond kif ordnat lis-socjeta' konvenuta jew il-mandatarji taghha, izda meta l-merkanzija waslet Malta f'Awwissu 2003 nstab illi kwantita' kbira ta'din il-merkanzija kienet nieqsa u filfatt minn total ta' 24 laptops, wasslu biss 5 u ghalhekk sofriet Danni ekwivalenti ghal LM 5,936.*

*Peress illi s-socjeta' attrici B.D.S. Limited kienet assikurata mas-socjeta' attrici assiguratrici u in vista ta' l-istess polza ta' assikurazzjoni, kif kienet obbligata li taghmel, is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited hallset lill-assikurat taghha s-somma ta' LM5,786 rappresentanti l-claim kollha hlief ghal-excess ta' LM 150 li gew supportati mis-socjeta' attrici B.D.S. Limited.*

*Peress illi s-socjeta' hija responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet u dan kif jigi ippruvat waqt il-kawza.*

*Peress illi s-socjeta' konvenuta nterpellata sabiex thallas is-somma ta' Lm5,936 baqghet in ademjenti.*

*Ghaldaqstant, tghid is-socjeta' konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex*

*1. tiddikjarha unikament responsabbli ghat-telf subit mill-atturi relattivament ghan-nuqqasijiet minn ordni ta'24 laptop li waslu Malta fis-27 t'Awwissu 2003;*

*2. tikkundanna lill-konvenut li jhallas lill-attur s-somma ta' LM 5,936 ghar-ragunijiet premessi.*

*Bl-ispejjez kontra l-konvenut u b'interessi mid-data tal-prezentata ta'din ic-citazzjoni, liema konvenut huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-atturi li taqra hekk :

*"Illi s-socjeta' B.D.S. Limited xtrat konsenja ta' 24 NEC Mobile Pro 900 laptops u inkarigat lis-socjeta' konvenuta sabiex titrasporta din il-merkanzija minghand s-suppliers fl-Amerika u iggibhomlu Malta.*

*Illi effetivament s-suppliers ikkonsenjaw il-merkanzija skond kif ordnat lis-socjeta' konvenuta jew il-mandatarji taghha, izda meta l-merkanzija waslet Malta f'Awwissu 2003 nstab illi kwantita' kbira ta' din il-merkanzija kienet nieqsa u fil-fatt minn total ta' 24 laptop waslu biss 5 u ghalhekk sofriet danni ekwivalenti ghal Lm 5,936.*

*Illi s-socjeta' attrici B.D.S Limited kienet assikurata mas-socjeta' attrici assiguratrici u in vista ta' l-istess polza ta' assikurazjoni, kif kienet obbligata li taghmel, is-socjeta' GasanMamo Insurance Limited hallset lill-assikurat taghha s-somma ta' Lm5,786 rappresentanti l-claim kollha hlief ghal-excess ta' Lm150 li gew supportati mis-socjeta' attrici B.D.S. Limited.*

*Illi s-socjeta' hija responsabbli ghal dawn in-nuqqasijiet u dan kif jigi ppruvat waqt il-kawza.*

*Illi s-socjeta' konvenuta nterpellata sabiex thallas is-somma ta' Lm5,936 baqghet inadempjenti."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjetajiet attrici u l-elenku ta' dokumenti esebiti mac-citazzjoni;

Rat li  l-att tac-citazzjoni, u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta' intimata skond il-ligi;

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tas-socjeta' intimata Allfreight Limited tat-2 ta' Lulju 2004, li taqra hekk:

*1. "Fl-ewwel lok, illi t-talbiet tas-socjetajiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta' konvenuta ma hijiex responsabbli ghad-danni sofferiti mis-socjeta attrici BDS Limited tant illi s-socjeta' esponenti nkarigat lis-socjeta' Palm Shipping Agency Limited biex torganizza l-garr tal-merkanzija de quo, u s-socjeta eccipjenti kkonsenjat lis-*

*socjeta attrici BDS Limited dik il-merkanzija li hija rccviet minghand is-socjeta' Palm Shipping Agency Limited, u ghaldaqstant ikun opportun li l-istess Palm Shipping Agency Limited tigi kjamata f'dawn il-proceduri;*
*2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta qatt ma kienet fil-pussess tal-merkanzija de quo, liema merkanzija kienet dejjem fil-kustodja u r-responsabilita' ta' terzi;*

*3. Fit-tielet lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' konvenuta uzat id-diligenza rikjesta mill-ligi u n-nuqqas li soffriet is-socjeta' attrici huwa rizultat ta' forza magguri ai termini tal-artikolu 1029 tal—Kap. 16 li ghalih ma tirrispondix s-socjeta' esponenti;*

*4. Fir-raba lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta attrici BDS limited accettat, permezz ta' ftehim tad-19 ta' Awwissu 2003 bejnha u bejn is-socjeta' estera Expeditors International of Washington Inc., illi 1-merkanzija kellha tingarr kif suggett ghall-kundizzonijiet kollha kontenuti fil-polza ta' kariku relattiva;*

*5. Fil-hames lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost. Jispetta lis-socjetajiet attrici jipprovaw l-ammont ta' dannu minnhom allegatament soffert;*

*6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta Allfreight Limited tat-2 ta' Lulju 2004 li taqra hekk:

*1. "Illi s-socjeta' konvenuta kienet giet inkarigata mis-socjeta' attrici BDS Limited sabiex iggorr merkanzija konsistenti f'hames kaxxi mill-Istati Uniti tal-Amerika ghal-Malta, U precisanent sa' 1-ajruport ta' Malta u kienet 1-istess socjeta' BDS Limited li kellha tiehu hsieb sabiex tirrilaxxa l-istess merkanzija;*

*2. Illi da parti taghha s-socjeta konvenuta ghaddiet l-istess inkarigu lis-socjeta' Palm Shipping Agency Limited*

*3. Illi d-dannu soffert mis-socjeta' attrici BDS Limited ma giex kagunat mis-socjeta' konvenuta, li qatt ma kienet fil-pussess tal-merkanzija, liema merkanzija kienet fil-pussess ta' terzi;*

*4. Illi s-socjeta' konvenuta rceviet minghand is-socjeta' Palm Shipping Agency Limited biss dak l-ammont ta' merkanzia li hija kkonsenjat lis-socjcta' attrici BDS Limited;"*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-digriet tat-3 t'Awwissu 2004 illi bih il-Qorti kjamat in kawza lis-socjeta Palm Shipping Agency Limited;

Rat in-nota t'eccezzjoni tas-socjeta' kjamata Palm Shipping Agency Limited tal-11 ta' Frar 2005 li taqra hekk:

*1. "Illi preliminarjament, is-socjeta' esponenti ma hijiex legittima kontradittur f'din il-kawza u ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez stante li hija qatt ma kellha u lanqas ma ghandha ebda relazzjoni legali jew guridika mas-socjeta' B.D.S limited kif surrogata mis-socjeta' attrici fil-garr tal-merkanzija in kwistjoni;*

*2. Illi fil-meritu, t-talbiet tas-socjeta' attrici kontra s-socjeta' esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi s-socjeta'esponenti m'hijiex responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija konsenjata lis-socjeta' B.D.S. Limited;*

*3. Salv eccezzjonijiet ohra.*

*Bl-ispejjez u l-ingunzjoni tas-socjeta'attrici u s-socjeta' konvenuta Allfreight Limited ghas-subizzjoni."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, illi bih gie nominat Dr. Mark Chetcuti tat-12 ta' Jannar 2006;

Rat id-digriet tal-5 ta' Dicembru 2006, dan l-inkarigu gie revokat, u permezz ta' digriet tas-27 t'Ottubru 2009 Dr. Mark Portelli gie nominat perit legali;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-atturi tas-6 t'Ottubru 2011;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' Palm Shipping Agency Limited tas-19 ta' Dicembru 2011;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta' konvenuta Allfreight Limited tal-24 ta' Jannar 2012;

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali Dr. Mark Portelli minnu prezentata fis-27 ta' Frar 2012, u mahlufa fit-3 ta' Mejju 2012;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-attur u l-kjamat in kawza;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi jirrizulta illi fis-sena 2003, is-socjetà attrici BDS Ltd kienet ordnat konsenja ta' erbgha u ghoxrin (24) *laptop* tad-ditta NEC minghand Nec Solutions (America) Inc tal-Amerika. Ghat-trasport tal-imsemmija konsenja ta' *laptops,* is-socjetà BDS Limited inkarigat lis-socjetà konvenuta Allfreight Limited u ghalkemm ma gie pprovdut ebda dokument bil-miktub, mill-provi prodotti jidher illi l-ftehim bejn dawn iz-zewg socjetajiet intlahaq fit-12 ta' Awwissu 2003 jew xi granet qabel. Dan peress illi kien dakinhar li s-socjetà BDS Limited kienet tat struzzjonijiet lill-Allfreight biex tigbor il-merkanzija mill-Amerika (vide-Dokument C a fol 8).

Fl-affidavit tieghu, Paul Baluci xhed li huwa kien jahdem mal-kumpannija BDS Limited u dak iz-zmien kienu nkarigaw lis-socjetà Allfreight Limited biex tiehu hsieb it-trasport bejn l-Amerika u Malta, dan wara li kienu gabu *quotations* ohra ghal dan il-ghan. Huwa jghid li xi zmien wara, meta suppost kienet waslet il-merkanzija, Allfreight Limited kienet infurmathom li kien hemm *shortages*. Kien

ghalhekk li Baluci mar id-dwana tal-*airport* fejn ra li kien hemm dsatax (19)-il *laptop* nieqsa mill-ordni totali ta' erbgha u ghoxrin (24) *laptop*. Ghalkemm dan ix-xhud jghid li kienu rcevew sitt (6) *laptops*, jidher li dan huwa zball. Infatti s-*surveyor* Paul Ellul inkarigat mis-socjetà assiguratrici GasanMamo, ikkonferma li kienu waslu biss hames (5) *laptops*[1].

Dan l-istess *surveyor* Paul Ellul ikkwantifika it-telf fl-ammont ta' hamest elef disgha mija u sitta u tletin liri Maltin (Lm5,936) li minnhom hamest elef sebgha mija u sitta u tmenin liri Maltin (Lm5,786) thallsu mis-socjetà assiguratrici GasanMamo Insurance lis-socjetà BDS Limited u rimanenti mija u hamsin lira Maltija (Lm150) hallsithom hi bhala *excess*. In vista tal-hlas mis-socjetà assiguratrici lis-socjetà BDS Limited, sehhet is-surroga wkoll tal-ewwel socjetà fid-drittijiet tat-tieni wahda u dan anki kif jidher mid-dokumenti esebiti.

Ix-xhud Paul Baluci ikkonferma wkoll li s-socjetà attrici BDS Limited dejjem kellha kuntatt mas-socjetà Allfreight Limited imqabbda minnha u ma' hadd aktar. Naturalment il-hlas ghat-trasport thallas ukoll lil Allfreight Limited. L-ammonti hawn fuq imsemmija gew ikkonfermati wkoll minn John Galdes fl-affidavit tieghu ghal GasanMamo Insurance Limited.

Jirrizulta mix-xhieda PS1326 Roy Sciberras li kkonferma r-rapport tieghu tas-27 ta' Awwissu 2003 (Dok RSI). Dan sostna li ma rrizultalux li dawn il-*laptops* insterqu minn impjegati tal-Airmalta izda kien tal-opinjoni li x'aktarx s-

---

[1] Ara rapport tas-*surveyor* Paul Ellul a fol 105, kif ukoll ir-rapport tal-pulizija PS 1326 Roy Sciberras a fol 13, ir-*release order* tad-Dwana a fol 15, xhieda ta' David Fenech a fol 193, affidavit ta' Francis Piscopo, fizzjal tad-dwana, a foll 197-198, xhieda ta' George Azzopardi – a fol 200 u x-xhieda ta' Norvin Spiteri, direttur tas-socjetà konvenuta Allfreight Ltd – a fol 203.

serq sar l-Italja peress li merkanzija damet zewgt iljieli f'Ruma.

Min-naha tieghu, Peter Paul Calleja, *Assistent Officer* mal-Airmalta *Cargo Section* ikkonferma li huwa ghamel it-*tallying* mal-*cargo* manifest u irrizulta li minn hames(5) kaxxi dahlu biss tlieta (3) (Dok PPCI) u li wahda minn dawn it-tliet(3) kaxxi kienet miftuha. Huwa xehed li malli raw it-tbaghbis ghajjat ghall-pulizija sabiex tinfetah investigazzjoni. L-Airmalta harget ukoll *Cargo Damage Report* (Dok PPC 5) li jikkonferma li minn hmaes (5) bcejjec, kien rcevew tlieta biss *"of which one pcs flaps open and contents empty".* Jirrizulta wkoll li dawn il-hames (5) *pieces* kienu gew konsolidati ma' erba' (4) *pieces* ohra, liema erba' (4) *pieces* jirrigwarda xoghol konsolidat mill-Palm Shipping Agency Limited ma' Expeditors International ta' San Francisco fil-Master Air Waybill (DOK PPC2) tal-Alitalia izda li ma jirrigwardawx il-merkanzija ta' *laptops* ordnata minn BDS Limited. Konferma li l-*laptops* in kwistjoni kellhom jigu konsenjati f'hames (5) *cartons* – vide Air Waybill 055-27204321 (Dok DF1, a fol 194) datata 22 ta' Awwissu 2003.

Mill-atti jirrizulta wkoll li kienet BDS Limited stess li rtirat ix-xoghol mid-Dwana wara li Palm Shipping Agency Limited harget *delivery order* lill-Allfreight Limited (vide-Dok PPC3) li min-naha taghha harget *delivery order* ohra lill-BDS Limited (Dok PPC4). Kemm David Fenech tad-Dwana kif ukoll Paul Baluci u George Azzopardi ta' BDS Limited stess ikkonfermaw dan.

Francis Piscopo, fizzjal tad-dwana wkoll, ikkonferrna li waslu biss tlett (3) bicciet minn hamsa (5), u li wahda minnhom kienet *damaged*. B'riferenza ghad-dokument H1 a fol 15, dan ix-xhud jikkonferma li n-notament li kien hemm fuq dan id-dokument (fis-sens li waslu hames (5) *laptops* biss fi tliet (3) kaxxi) kien ghamlu hu, u li allura kien hemm dsatax (19)- il *laptop* nieqsa.

Jirrizulta ghaldaqstant sodisfacentement ipprovat, n-nuqqasijiet fil-konsenja ta' *laptops* ordnati minn BDS Limited, u li effettivament kienu telqu erbgha u ghoxrin

(24) *laptop* minghand is-*supplier* taghhom NEC Solutions (America) Inc.,  b'telf konsegwenzjali ta' hamest elef disgha mija u sitta u tletin liri Maltin ( Lm5,936).

Illi fir-rigward tar-relazzjoni guridika bejn il-kontendenti, jirrizulta mill-atti li BDS Limited kienet inkarigat lill-Allfreight Limited biex iggorr l-konsenja ta' *laptops*. Dan jghidu Norvin Spiteri direttur tas-socjetà konvenuta Allfreight stess fix-xhieda tieghu a fol 203 et seq.. Dan gie konfermat ukoll minn Paul Baluci fl-affidavit tieghu a fol 97 sa 100.

Illi jirrizulta li s-socjetà Allfreight Limited qabbdet imbaghad lis-socjetà Palm Shipping Agency Limited li min-naha taghha inkarigat lis-socjetà estera Expeditors International. Kienet din li finalment li gabret il-konsenja minghand is-supplier NEC Solutions (America) Inc. Mill-provi prodotti ma jirrizultax li Allfreight kienet qeghda tagixxi biss bhala agent u mhux f'isimha propria. Mill-Air Waybill markata Dok PPC2 jirrizulta li *shipper* kien Expeditors International fejn gie indikatat wkoll il-linja tal-ajru cioe' Alitalia waqt  li l-*consignee* kienet Palm Shipping Agency Ltd, mentri mill-Air Waybill 055-27204321 (Dok DF1) ix-*shipper* huwa indikat bhala NEC Solutions (America) Inc u l-*consignee* BDS Limited.

Mill-ittra mibghuta minn Allfreight Limited lil BDS Limited, datata 1 ta' Ottubru 2003 (Dok K a fol 20), jirrizulta li Allfreight iddefinixxiet lil Palm Shipping Agency Limited bhala s-*subcontractor* taghha. Ta' min jinnota li din l-ittra ntbaghtet ftit iktar minn xahar wara il-wasla tal-konsenja f'Malta u **hija indikattiva tal-fatt li Allfreight Limited ma kinitx spjegat lil BDS Limited**, **fiz-zmien tal-konkluzjoni tal-kuntratt bejniethom f'Awwissu 2003, li hija kienet ser tqabbad lil haddiehor biex jiehu hsieb tat-trasport u/jew li hija kienet ser isservi biss ta agent.**

Min-naha tieghu Matthew Pisani, freight *manager* tas-socjetà kjamata Palm Shipping Agency Limited, xhed is-segwenti:

***"Il-klijent taghna kienet Allfreight u milli nista' nahseb Allfreight tani min hu x-Shipper fl-Amerka. Minghand Allfreight ircevejna struzzjonijiet biex norganizzaw collection mill-Amerka u tibghat biajru sal-ajruport ta' Malta." ...***– vide xhieda a fol 204

***...***

***"Ahna [Palm Shipping Agency Ltd] qabbadna lil-principal taghna li nirrapprezentawhom hawn Malta, Expeditors International tal-Amerika u dawn gabru x-xoghol minghand ix-shipper u kkonsenjawh l-Alitalia go 1-Amerika stess." (*** vide ukoll fol 204)

Ghaldaqstant s-socjetà BDS Limited dahlet f'relazzjoni kuntrattwali mas-socjetà konvenuta Allfreight Limited biex din tal-ahhar tittrasporta l-merkanzija mill-Amerka ghal Malta. Min-naha taghha, Allfreight Limited qabbdet subappaltatrici lil Palm Shipping Agency Limited biex twettaq dan l-inkarigu. Palm Shipping Agency Limited tghid li hija agixxiet bhala agent ta' Expeditors International u ghaldaqstant dan 1-inkarigu wettqu l-principal taghha Expeditors International. Li hu car hu li ma kien hemm ebda rabta kuntrattwali bejn Palm Shipping Agency Limited u s-socjetà attrici BDS Limited.

**Ikkonsidrat :**

Il-Qorti ser taghaddi biex tezmina l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà Allfreight li biha tichad ir-responsabbiltà u ssostni li din ir-responsabbiltà ghandha ggorrha s-socjetà Palm Shipping Agency Limited peress li Allfreight qabbdet lil Palm Shipping biex torganizza l-garr u Allfreight ikkonsenjat lil BDS ezatt dak li hija rceviet minghand Palm Shipping.

Fis-sottomissjonijiet taghha, is-socjetà konvenuta zzid tghid li l-involviment taghha kien wiehed minimu u kien limitat ghall-ghotja t'istruzzjonijiet lil Palm Shipping Agency Limited li hija (Allfreight) rceviet minghand BDS Limited. Ghalhekk ma kellhiex tigi mghobbija bir-responsabbiltà.

Illi l-Qorti tqis illi, huwa proprju minhabba l-fatt li s-socjetà konvenuta Allfreight illimitat l-involviment taghha ghall-”minimu” possibli li rrendiha responsabbli ghan-nuqqasijiet li rrizultaw fil-konsenja ta’ *laptops* u dan fit-termini li ser jigi spjegat iktar ‘il quddiem. Is-socjetà konvenuta Allfreight dahlet f’rabta kuntrattwali, cioe’ f’kuntratt vinkolanti mas-socjetà BDS Limited biex tittrasportahha l-merkanzija. Dan il-kuntratt kien wiehed vinkolanti u allura, ai termini tal-Artikolu 992 tal-Kodici Civili kellu “sahha ta’ ligi ghal dawk li jkunu ghamluhom” apparti li, ai termini tal-Artikolu 993 tal-Kodici Civili, hija kellha tezegwixxi l-obbligu kuntrattwali in bona fidi.
Huwa evidenti illli huwa applikabbli l-artikolu 1037 tal-Kodici Civili li jikkontempla precizament din is-sitwazzjoni:

***“Kull min ghal xi xoghol jew servizz iehor iqabbad persuna mhux ta’ hila, jew illi hu ma jkolux ragun jahseb illi hija ta’ hila, hu obbligat ghall-hsara illi dik il-persuna, minhabba n-nuqqas ta’ hila taghha, tikkaguna lil haddiehor fl-esekuzzjoni tax-xoghol jew servizz hawn fuq imsemmi”***

F’dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza deciza fl-**10 ta’ Ottubru 2003**, fl-ismijiet **Keith Said noe vs Joseph Falzon et noe** f’cirkostanzi ghal kaz in ezami :

***“Dan l-artikolu ghalhekk jipprospetta fl-ewwel lok il-possibilita’ li minn jiehu xoghol jista’ jghaddieh ossia jissubkuntratta dak l-istess xoghol lill-terza persuna. Fit-tieni lok dan l-artikolu, b ‘rispett lejn il-principju enuncjat fl-artikolu 1031 li “kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu” jehles minn responsabibita’ ghad-danni lill-kontraent principali, jekk dan juri li l-persuna li huwa jkun inkariga kienet ta’ hila u idonea biex tezegwixxi l-inkarigu. B’hekk dik ir-responsabbilita’ tghaddi fuq it-terz hekk inkarigat. Dan ghaliex il-kontraent originali jibqa’ responsabbli versu minn qabdu, kemm-il darba ma jurix li dak inkarigat minnu kien ta’ hila”***

Illi s-socjetà konvenuta Allfreight fis-sottomissjonijiet taghha tallega li s-socjetà kjamata in kawza Palm Shipping Agency Limited ilha stabbilita fis-suq ghal numru ta' snin u ghandha esperjenza vasta f'dan ix-xoghol. Ghaldaqstant hija ssostni li r-responsabbiltà ma ghandhiex taqa' fuqha izda fuq Palm Shipping. Madankollu, waqt il-gbir tal-provi, l-istess socjeta' konvenuta **Allfreight Limited ma resqet ebda prova biex tissodisfa dan l-obbligu taghha u turi li t-terzi persuni (Palm Shipping Agency u/jew il-principal taghha Expeditors International tal-Amerika) kienu ta' hila jew li s-socjeta' konvenuta ma kellha ebda raguni tissuspetta li t-terza persuna ma kinitx ta' hila biex tezegwixxi l-inkarigu lilha moghti.**

Min-naha l-ohra, hija llimitat ruhha biex turi li 1-involviment taghha **kien minimu** ghax hija sempliciment ghaddiet l-istruzzjonijiet lill-Palm Shipping Agency.

Skond l-insenjament tal- Qorti tal-Appell, fis-sentenza tat-**30 ta' Novembru 2012** fl-ismijiet **Avukat Carmelo Castelli nomine vs Focal Maritime Services Limited et**:

*"47. [ii]Fit-tieni, it-tielet u r-raba' parti tal-aggravju taghhom l-atturi jilmentaw mill-fatt li l-ewwel Qorti ordnatilhom ihallsu l-ispejjez relatati mas-socjetajiet konvenuti Air Malta u Delta Airlines. Huma fissru l- aggravju hekk::*

*[i] ... "L-atturi m'ghandhomx jigu penalizzati ghal dan meta l-konvenuti Focal u Thomas Smith bdew jghidulhom li ghandhom ifittxu lil Air Malta u lil Delta ghax huma m'ghandhomx x'jaqsmu. [ii] Illi tant li l-Air Malta u Delta ma gewx imharrka inutilment li anke l-ewwel Qorti a fol. 18 tas-sentenza stabbiliet li l-Air Malta hija responsabbli ghad-danni li kieku ma intlaqghetx it-tielet eccezzjoni li titratta l-preskrizzjoni. [iii] Fuq kollox l-kawza odjerna hija dwar <u>ftehim li l-atturi ghamlu mas-socjeta` Focal Maritime</u> biex iggorr kwantita` ta' prodotti tal-ikel minn Sqallija lejn New York, u ghalhekk japplika fil-konfront tal- konvenuti kollha l-Artikolu 1628 et sequitur tal-Kodici Civili li jaghti r-responsabilita` kollha ghal garr lill-vettural li huwa*

*responsabbli ghat-telf tal-haga fdata lilu."*(sottolinear tal-Qorti tal-Appell)"

***48. Dan l-aggravju huwa manifestament insostenibbli, ghax kif jghidu l-istess atturi fir-raba' parti tal-aggravju taghhom il-kaz odjern jirrigwarda "ftehim li l-atturi ghamlu mas-socjeta` Focal Maritime", u ghalhekk ghandu jirrizulta car li l-atturi kellhom jipprocedu biss kontra din is-socjeta` li maghha huma kienu dahlu fi ftehim sabiex torganizza t- trasport tal-exhibition material . Kellu jirrizulta car ghall- atturi li r-relazzjoni guridika li kellhom kienet mas-socjeta` FMSL biss, u ghalhekk logikament u guridikament kellhom jipprocedu kontra din biss, irrispettivament minn dak li l-istess socjeta` sostniet u baqghet issostni biex tipprova tezimi ruhha mir-responsabbilita`.***

In oltre dik il-Qorti kompliet tirritieni:

***"57. Il-Qorti tosserva li l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti hija sostnuta ampjament mill-provi, u jirrizulta pacifiku li l-atturi ma taw ebda struzzjonijiet jew inkarigu la lis-socjeta` konvenuta Air Malta plc. u lanqas lis-socjeta` estera konvenuta Delta Airlines. Kif osservat l-ewwel Qorti, l-atturi ma kienu nvoluti b'ebda mod fl-inkarigu moghti lil dawn is-socjetajiet trasportaturi tal-merkanzija mis- socjeta` konvenuta TSCL. Ma kien hemm ebda relazzjoni kontrattwali bejn l-atturi u dawn is-socjetajiet. Ghaldaqstant l-ewwel Qorti kienet korretta meta laqghet it-tielet eccezzjoni tas-socjeta` Air Malta plc. u lliberat lil din is-socjeta` mill-osservanza tal-gudizzju."***

Iktar minn hekk, mill-provi rrizulta li t-tragitt tal-merkanzija, cioe' NEC *laptops*, inqasam f'sitt (6) tappi u cioe' minn San Francisco ghal Los Angeles, minn Los Angeles ghal Chicago bl-art, minn Chicago ghal Milan bl-Alitalia, minn Milan ghal Ruma bl-art u minn Ruma ghal Malta. (vide - xhieda ta' Matthew Pisani tas-27 ta' Jannar 2011 u r-rapport tas-*surveyor* Paul Ellul a fol 107)

Iktar minn hekk, l-*laptops* qattghu jumejn f'Ruma u allura c-cirkustanzi kienu tali li pprovdew aktar okkazjoni ghas-serq inkwistjoni u dan specjalment meta qeghdin nitkellmu fuq *laptops* u fuq is-sena 2003. Barra minn hekk, is-socjetà konvenuta ma wrietx li hija hadet xi passi kwalunkwe biex tipprevjeni s-serq. Ma pprovdiet ebda xhieda biex turi li ntuzat il-prudenza, diligenza u l-hsieb tal-missier tajjeb tal-familja fit-tqassim tat-tragitt. In-nuqqas ta' diligenzja jirrizulta wkoll mill-fatt li s-socjetà BDS Limited ma gietx infurmata bis-serq malli dan sehh, izda biss malli l-merkanzija waslet Malta. Dan ukoll juri li ma kien hemm ebda monitoragg ta' x'kien qed jigri minn taqsima ta' vjagg ghal iehor.

Finalment, ghandu jinghad f'kuntest ta' appalt, illi l-Qrati taghna rritenew li jekk -appaltatur:

***"jkun ta b'subappalt lil terza persuna l-ezekuzzjoni ta' xi parti minn dik l-opera, jekk jirrizulta illi x-xoghol tas-subappaltatur kien difettuz jew hazin, il-kundanna biex ix-xoghol isir mill-gdid ghandha tkun direotta kontra l-appaltatur, avvolja s-subappaltatur ikun gie msejjah fil-kawza; ghaliex dik il-kundanna hija bazata fuq 1-artikolu tal-ligi li jirrendi responsabbli lill-appaltatur, u anki ghaliex ma jkunx sewwa li 1-appaltant jigi privat minn azzjoni kontra 1-appaltatur, li mieghu kkuntratta b'sostituzzjoni ta' debitur iehor, li mieghu ma kkuntrattax. Lill-appaltatur tista' ssirlu rizerva kontra s-subappaltatur, msejjah f'kawza, si et quatenus"*** (sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummercjall tal-**4 ta' Dicembru 1957** fl-ismijiet **Nobbli Gioacchino Attard Montalto vs Emmanuele Schembri**)

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis li l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà konvenuta Allfreight Limited ghandha tigi michuda.

Il-Qorti ser tghaddi biex tittratta t-tieni u tielet eccezzjoni, u cioe', li s-socjetà konvenuta Allfreight Limited qatt ma kienet fil-pussess tal-merkanzija; u li l-merkanzija naqset minhabba forza magguri (Artikolu 1029 tal-Kap 16 tal-

Ligijiet ta' Malta), filwaqt li hija tghid li uzat id-diligenza rikjesta mill-ligi.

Essenzjalment, din il-kawza kif diretta kontra s-socjetà Allfreight Limited hija bbazata fuq ir-rabta kuntrattwali bejn iz-zewg partijiet. Ir-rabta kuntrattwali kienet torbot lis-socjetà konvenuta li tittrasportalha l-l*aptops* mill-Amerika ghal Malta. Jekk il-merkanzija ma waslitx, jew waslet biss parti minnha kif gara f'dan il-kaz, il-kuntratt ma jkunx gie esegwit u jkun irrilevanti li s-socjetà konvenuta ma kienet qatt fil-pussess tal-merkanzija de quo, u dan ghaliex kieku tali eccezzjoni ta' subappalt tista' xxejjen kuntratt ta' trasport ta' merkanzija, allura kull darba li jkun hemm subappatt, il-kontraent principati (f'dan il-kaz Allfreight) kien ikun dejjem jista' jehles mill-obbligi tieghu billi sempliciment jghid li fix-xena hemm subappaltatur (f'dan il-kaz Palm Shipping u 1-principal tieghu). Dan imur kontra l-insenjament tal-qrati taghna li dahlu anki fuq dan il-punt: ara perezempju s-sentenza ccitata iktar 'il fuq tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) tal**-10 ta' Ottubru 2003**, fl-ismijiet **Keith Said noe vs Joseph Falzon et noe** u kif ukoll is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummercjali fl-ismijiet **Nobbli Gioacchino Attard Montalto vs Emmanuele Schembri** u b'analogija mas-sitwazzjoni tal-vettural, is-sentenza tal-Qorti tal-Appell lnferjuri fl-ismijiet **Decman Co. Ltd. vs Carmelo Caruana Shipping Ltd**

Is-socjetà Allfreight Limited imbaghad invokat l-forza magguri taht l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16 (it-tielet eccezzjoni taghha). Din l-eccezzjoni gialadarba ipprovata skond il-ligi tfisser li t-telf imgarrab ikun a karigu tas-sid tal-oggett u cioe' s-socjetajiet atturi.

F'dan ir-rigward, skont il-principju li min jallega jrid jipprova, jikkombi fuq is-socjeta' konvenuta Allfreight Limited l-onoru tal-prova tal-forza magguri minnha nvokata (ara wkoll is-sentenza ta' din 1-Onorabbli Qorti diversament preseduta tal-31 **ta' Marzu 2003** fl-ismijiet **Borg Charles noe vs Vella Francis et noe** moghtija f'kuntest ta' kawza fejn gew evalwati rregoli tas-CMR Convention).

Il-prova mressqa, mbaghad ghandha tigi evalwata fid-dawl tal-gurisprudenza tal-qrati taghna li tghid:

***"Serq, meta jista' u ghandu jigi evitat bit-thehid ta' provvedimenti normali ma jista' qatt iwassal ghall-forza insormontabbli'*** (ara s-sentenza ta' dina 1-Onorabbli Qorti diversament presjeduta tal-**20 ta' Marzu 2003** fl-ismijiet **Bowman Joseph noe vs Mizzi Anthony et noe)** (Enfasi ta' din il-Qorti)

Din il-Qorti ma tikkondividiex ma dak sollevat mis-socjeta' konvenuta Allfreight Limited fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha li spustjat l-oneru tal-prova tas-serq fuq is-socjetajiet atturi u ilmentat li dawn ma gabu l-ebda prova ta' kif jew fejn sehh is-serq tal-oggetti. Ghaldaqstant kien imiss lis-socjeta' Allfreight li tipprova l-imsemmi serq u, di piu, li dan is-serq ma setghax jigi evitat bit-tehid ta'prekawzjonijiet ta' natura ordinarja min-naha taghha.

Fil-kaz in ezami Allfreight irriteniet li l-allegazzjoni tas-serq da parti tas-socjeta' attrici,thalliet *"fir-realm tal-immaginazzjoni tal-gudikant"* (vide fol. 152 - nota ta' sottomissjonijiet ta' Allfreight Limited) u ssostni wkoll li s-socjetà *attrici "donnha qed tistenna xi risposti ghall-ispekulazzjonijiet taghha dwar it-tragitt tal-merkanzija"* (vide fol. 151 - nota ta' sottomissjonijiet ta' Allfreight Limited). Il-Qorti tqis illi kien jikkombi fuq is-socjeta' konvenuta Allfreight biex turi lill-Qorti x'mizuri hadet biex is-serq matul il-vjagg ma jsehhx (-vide s-sentenza ta' dina 1-Onorabbli Qorti fl-ismijiet **Compunet Limited vs. B.A.S. Limited** moghtija fit-**30 ta Gunju 2010,** dwar diversi mizuri li t-trasportaturi huma tenuti li jiehdu biex jigi evitat is-serq fit-trasport ta merkanzija).

Ghalhekk il-Qorti tichad t-tieni u t-tielet eccezzjoni tas-socjetà konvenuta Allfreight Limited.

Il-Qorti tghaddi biex tezmina r-raba' eccezzjoni tas-socjetà konvenuta Allfreight Limited u cioe', li l-merkanzija kellha tingarr suggetta ghall-kundizzjonijiet kollha kontenuti fil-polza ta' kariku relattiva u dan kif allegatament miftiehem

fil-ftehim tad-19 ta’ Awwissu 2003 bejn BDS Limited u Expeditors International of Washington Inc.

Din il-Qorti hija tal-fehma illi din l-eccezzjoni tiddependi fuq l-ewwel eccezzjoni. Gialadarba l-ewwel eccezzjoni giet michuda, isegwi c-cahda tar-raba’ eccezzjoni salv ghal kull dritt ta’ rivalsa li Allfreight jista’ jkollha kontra s-subkuntratturi taghha.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-hames eccezzjoni tas-socjetà konvenuta Allfreight Limited li tirrispekkja il-kwantum tad-danni sofferti u l-prova taghhom skond il-ligi.

Din il-Qorti tqis li socjeta’ attrici ipprovat sodisfacentement sal-grad probatorju fil-kamp civili illi il-kwantum tad-danni minnha sofferti tammonta ghal hamest elef sebgha mija, sitta u tmenin liri Maltin ( Lm5,786) fir-rigward tas-socjetà GasanMamo Insurance Ltd u mija u hamsin lira Maltija (Lm150) s-socjetà BDS Limited, u dan kif jirrizulta mill-provi hawn fuq indikati.

Il-Qorti tghaddi biex tezamina l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà kjamata in kawza Palm Shipping Agency Limited li biha eccepiet li ma kienitx il-legittima kuntradittrici peress li ma kellha ebda relazzjoni guridika mas-socjetà BDS Limited.

Il-Qorti a skans ta’ ripetizzjoni tirreferi ghal dak deciz fir-rigward tal-ewwel u raba eccezzjoni tas-socjeta’ Allfreight Limited.

Il-Qorti tqis li l-atturi ma jistghux iduru kontra s-socjetà kjamata in kawza ghad-danni subiti l’ghaliex il-kawza kif esperita mill-atturi kontra Allfreight Limited hija bbazata fuq rabta kuntrattwali. Din allura teskludi li c-citazzjoni tinbidel fin-natura taghha sempliciment ghax giet kjamata in kawza terza persuna li ma ghandha ebda rabta kuntrattwali mal-attrici. Anzi, din proprju ghandha teskludi li s-socjetá kjamata in kawza tista’ tinzamm responsabbli taht l-obbligi kuntrattwali msemmija fic-citazzjoni.

Fis-sentenza tas-26 ta' Marzu 2009 fl-ismijiet **Avukat Carmelo Castelli nomine vs Focal Maritime Services Limited et**, iddecidiet f'sitwazzjoni b'fattispe simili (ghalkemm iktar kumplessi) ghall-kaz odjern, li

***"tenut kont pero' ta' kif hija redatta c-citazzjoni attrici jirrizulta minn dak li gie hawn deciz li ma hemm ebda rabta kontrattwali bejn l-atturi u s-socjetajiet trasportaturi KM u DL"***

Dan gie konfermat fis-sentenza appellata deciza fit-30 Novembru 2012.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis illi l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà kjamta  Palm Shipping Agency Limited ghandha tigi milqugha u ghaldaqstant ghandha tigi liberata mill-oservanza ta' dan il-gudizzju. In vista ta' dan, il-Qorti tastjieni milli tiehu konjizzjoni  ulterjuri tat-tieni eccezzjoni tas-socjetà kjamata in kawza Palm Shipping Agency Limited

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, tilqa' t-talbiet tas-socjetajiet atturi kif ukoll l-ewwel eccezzjoni tas-socjetà kjamata in kawza, tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjetà konvenuta Allfreight Limited, b' riserva ghal kull azzjoni spettanti lis-socjetà konvenuta Allfreight Limited kontra terzi u tikkundanna lis-socjeta' Allfreight Limited thallas is-somma ta' tlettax-il elf erba mija sebgha u sebghin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€13,477.75 ekwivalenti ghal  hamest elef seba' mija sitta u tmenin liri Maltin Lm5,786) lis-socjeta'attrici GasanMamo Insurance Limited, filwaqt li thallas lis-socjetà attrici BDS Limited is-somma ta' tlett mija disa' u erbghin Ewro u wiehed u erbghin centezmu (€349.41c ekwivalenti ghal mija u hamsin lira Maltija Lm150).

Bl-ispejjez kontra is-socjeta' Allfreight Limited.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------